# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 9.5

**Kap 9: Agħti u Jingħatalek**

**Lezzjoni 9.5: L-imħabba u l-għaqda li ssaltan fostna**

**Għanijiet:**



F'din il-lezzjoni l-istudenti:

1. Jaqraw kif kienu jgħixu l-Ewwel Insara: 2 Kor 12, 4-11.
2. Jitgħallmu kif kienu ħaġa waħda bejniethom u kif kienu jaqsmu kollox bejniethom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint Presentation bis-siltiet mill-Atti tal-Appostli u spjega tagħhom;
- Karta ta' Taħriġ 9.3.

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti :
  - *Qatt smajtu bil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli?*
  - *Tafu min kiteb dan il-Ktieb?*
  - *Tistgħu ssemmu xi ġrajja li nsibu f'dan il-ktieb?*
- Ibni diskussjoni qasira dwar dak li jgħidu l-istudenti. Jekk l-istudenti ma jkollhomx daqshekk informazzjoni dwar l-Atti tal-Appostli agħti ftit informazzjoni inti stess.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Għid lill-istudenti:

❖ *Fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli San Luqa jirrakkonta l-bidu tal-Knisja u dak li għamlu l-Appostli u l-Ewwel Insara. Jirrakkonta wkoll kif kienu jgħixu l-Ewwel Insara.*

❖ *Se naraw Powerpoint Presentation b'żewġ siltiet meħudin mill-Atti tal-Appostli. Fihom San Luqa jispjega x'kienu jagħmlu l-Ewwel Insara biex juru kemm kienu magħqudin bejniethom.*

- Uri l-*Powerpoint Presentation* lill-istudenti. Spjega kull slide u permezz ta' mistoqsijiet għin lill-istudenti biex jipparteċipaw u għalhekk jitgħallmu aktar.
- Stieden lill-istudenti sabiex jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 9.3.
- Agħżel xi studenti sabiex jerġgħu jaqraw is-siltiet mill-Atti tal-Appostli.
- Agħti ftit minuti sabiex l-istudenti b'mod individwali jew f'pari jaħdmu l-ewwel attività. Meta l-istudenti jkunu lesti ikkoreġi l-mistoqsijiet flimkien mal-istudenti. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jagħtu raġuni għat-tweġibiet tagħhom.
- **Tweġibiet:** (1) Veru; (2) Falz; (3) Falz; (4) Veru; (5) Falz; (6) Veru;
- Aqsam l-istudenti fi gruppi sabiex jaħdmu t-tieni attività. Wara ftit minuti u meta jkunu lesti, stieden membru minn kull grupp sabiex jaqsam mal-oħrajn dak li jkun ġie diskuss fil-grupp.
- Bħala għeluq tal-lezzjoni, inkella bħala xogħol għad-dar, l-istudenti jagħmlu l-attivita' ***Kieku kont int, x'kont tagħmel?***

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. L-Ewwel Insara kienu jaqsmu kollox bejniethom u kienu tant iħobbu lil xulxin li kienu ħaġa waħda bejniethom.
2. Għadna nieħdu l-eżempju tagħhom biex bħalhom aħna wkoll inkunu ħaġa waħda u nkunu ta' servizz għal xulxin bħalma kienu huma.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Kemm fil-familja, fl-iskola u kull fejn inkun għandi nfittex li nġib l-għaqda – l-ewwel nett billi jien stess inkun persuna li nħobb u nirrispetta lil kulħadd. M'għandix nieħu pjaċir meta nara xi pika jew inkella ġlied. Fuq kollox m'għandix inkun jien stess li nħeġġeġ xi tip ta' firda.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



**Nitolbu**

Mulej, illum permezz tal-eżempju tal-Ewwel Insara tgħallimna kif aħna wkoll nistgħu nkunu ħaġa waħda bejnietna. Għinna ħalli tassew inħobbu lil xulxin kif tridna int, mhux biss bil-kliem, imma wkoll billi nkunu ta' servizz għal xulxin. Ammen.

*Hawnhekk tista' tħalli ftit mumenti ta' skiet biex l-istudenti jgħidu xi talba f'qalbhom.*

